FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 18 T' APRIL, 2002**

**Numru: 16**

**Avviz Nru: 309/02 JB**

**Is-socjeta' M & B Limited**

**vs**

**Ivan Debono**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm312.00c (tliet mija u tnax-il lira Maltija) rappresentanti l-prezz t' edukazzjoni jew ta' taghlim jew servizzi ancillari moghtija lilu mis-socjeta' attrici fir-rispett t'ibnu Jaime Debono.

Ghalkemm interpellat anke bil-miktub, sabiex ihallas din is-somma ta' Lm312.00c (tliet mija u tnax-il lira Maltija), il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez , inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-29 t'Ottubru 2001 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Dr Carole Zammit Montebello jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm312.00c (tliet mija u tnax-il lira Maltija) rappresentanti l-prezz t'edukazzjoni jew ta' taghlim jew servizzi ancillari moghtija lilu mis-socjeta' attrici fir-rispett t'ibnu Jaime Debono, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**